MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Numru 713/2007

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Joseph Attard, iben Victor, imwieled Pieta’ fl-14 ta’ Awwissu, 1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-23 ta’ Ġunju, 2003, f’xi ħin bejn l-10.00 a.m. u l-4.45 p.m. minn ġewwa l-knisja parrokjali fi Triq Inez Soler, Santa Luċija:
1. ikkometta serq ta’ flus, liema serq hu aggravat bil-mezz u bil-lok u li sar għad-dannu tal-komunita’ parrokjali ta’ Santa Luċija u/jew ta’ entitajiet u/jew persuni oħra;
2. volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara ma tiskorriex il-ħames mitt lira maltin (Lm500) iżda iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50) liema ħsara saret għad-dannu

tal-komunita’ parrokjali ta’ Santa Luċija u/jew ta’ entitajiet u/jew persuni oħra;
3. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b’diversi sentenżi mill-Qrati maltin, liema sentenżi saru definittivi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Ottubru, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 289, 261(b)(e), 263, 264, 269(a), 278(1)(2) u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ sena priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------